MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. MĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

**Illum 3 ta' Ġunju, 2016**

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 693/2016 LM

**General Workers' Union**

**vs.**

**Malta Freeport Terminals Limited u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2016 ġiet imsejħa fil-kawża l-Union Ħaddiema Magħqudin**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fis-6 ta' Mejju, 2016 mir-rikorrenti **General Workers' Union** (minn issa 'l quddiem "il-union rikorrenti") u kkonfermat bil-ġurament minn Kevin Paul Camilleri li permezz tiegħu qiegħda titlob lil din il-Qorti "illi tinibixxi lill-Malta Freeport Terminals Limited milli żżomm taħdidiet għall-fini ta' negozjar kollettiv, tinnegozja dwar kwistjonijiet industrijali ta' natura

kollettiva, jew tikkonkludi kwalunkwe ftehim kollettiv ma' xi union li mhix il-union rikorrenti, stante li hija biss il-union rikorrenti li tgawdi l-fiduċja tal-ħaddiema tas-soċjetà intimata u ebda union oħra ma tgawdi tali fiduċja tal-imsemmija ħaddiema", minħabba dawn ir-raġunijiet:

> *"Illi skont il-ftehim kollettiv li jinsab in vigore, is-soċjetà intimata tkun intitolata li tirtira r-rikonoxximent lill-unjin esponenti "... jekk il-membri mħallsa tal-Union ma jkunux għadhom ilaħħqu l-ħamsin fil-mija u wieħed (50%+1) tal-kategoriji ta' impjegati koperti b'dan il-Ftehim, jew jekk tkun obbligata li ma tibqax tagħti għarfien ewlieni skont il-liġi jew il-prattika industrijali." (Estratt anness u mmarkat bħala Dok. GWU1)*
>
> *Illi l-unjin rikorrenti tgħodd magħha bħala membri mħallsa aktar minn ħamsin fil-mija u wieħed (50%+1) tal-kategoriji ta' impjegati koperti bil-ftehim kollettiv u għalhekk hija de facto u ai termini tal-ftehim kollettiv dik il-unjin li għandha tgawdi r-rikonoxximent;*
>
> *Illi f'Ġunju 2015, is-soċjetà intimata tat tali rikonoxximent lill-unjin rikorrenti, wara proċess ta' elezzjoni li nżamm taħt id-direzzjoni tar-Reġistratur tat-Trejdunjins. Dan il-proċess ta' elezzjoni sar in segwitu ta' ftehim milħuq nhar it-22 ta' Mejju, 2015 bejn is-soċjetà intimata, il-unjin rikorrenti u l-Union Ħaddiema Magħqudin ("UĦM"). Dan il-ftehim, li l-minuti tiegħu jinsabu annessi u mmarkati bħala Dok. GWU2, kien jipprovdi l-mod kif kellha ssir l-elezzjoni u, barra minn hekk, kien ipprovda li r-riżultat tal-votazzjoni għal kull waħda miż-żewġ unjins kellu jkun bħala perċentwali tal-"general workforce kollha".*
>
> *Illi dakinhar l-unjin rikorrenti kienet ottjeniet vot favur tagħha ta' aktar minn 50%+1 tal-ħaddiema kollha tas-soċjetà intimata u, skont il-ftehim tat-22 ta' Mejju, 2015, skont il-ftehim kollettiv, u skont il-prattika industrijali hija rebħet tali elezzjoni u effettivament ingħatat ir-rikonoxximent;*

*Illi wara xi żmien il-UĦM ivvintat pretensjoni li tingħata r-rikonoxximent u dan wassal biex riċentement reġgħet saret elezzjoni oħra għall-fini ta' rikonoxximent;*

*Illi r-riżultat ta' din l-elezzjoni, hekk kif maħruġ mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi (Dok. GWU3 anness) kien tali li l-UĦM ottjeniet 275 vot (ċioè 45.3% ta' 607 ħaddiem kopert bil-ftehim kollettiv), u l-unjin esponenti ottjeniet 254 (ċioè 41.8% tal-ħaddiema koperti bil-ftehim kollettiv);*

*Illi għaldaqstant, ir-riżultat kien tali li ebda unjin ma ġabet 50%+1 tal-ħaddiema koperti bil-ftehim kollettiv. Isegwi għalhekk li, a tenur tal-ftehim kollettiv li bran minnu huwa fuq ċitat, l-kumpanija intimata ma setgħetx tagħti r-rikonoxximent lill-UĦM ġaladarba din ma ġabitx 'l fuq minn 50% tal-general workforce u, allura, r-riżultat tal-elezzjoni kien wieħed mhux konklussiv;*

*Illi għalhekk, fin-nuqqas ta' eżitu favorevoli u definittiv għal xi unjin, skont il-prassi trejdunjonistika kellu jirrenja l-istatus quo sakemm ikun hemm proċess ieħor li jkun definittiv. Allura s-soċjetà intimata la setgħet tirtira r-rikonoxximent u wisq anqas tikkonċedi r-rikonoxximent lill-UĦM;*

*Illi madankollu, permezz ta' email tal-5 ta' Mejju, 2016, is-soċjetà intimata avżat lill-unjin rikorrenti li kienet qed tirrikonoxxi lill-UĦM;*

*Illi l-unjin rikorrenti immedjatament iddikjarat tilwima industrijali u bdiet il-proċess statutorju sabiex id-deċiżjoni tas-soċjetà intimata tkun annullata u, fil-ftattemp, għandha interess li s-soċjetà intimata ma tagħmel ebda pass li permezz tiegħu tissiġilla jew tippreġudika irrimedjabbilment il-jeddijiet tal-ħaddiema bi ftehim li hija tista' tilħaq mal-UĦM;*

*Illi għalhekk huwa essenzjali li s-soċjetà intimata tiġi inibita kif fuq spjegat biex il-jeddijiet tal-unjin rikorrenti u tal-imsieħba tagħha li huma impjegati tas-soċjetà intimata ma jkunux preġudikati irrimedjabbilment.*

Rat ir-Risposta tas-socjetà intimata **Malta Freeport Terminals Limited** (minn issa s-soċjetà intimata MFTL) li taqra hekk:

***PREMESSI***

*1. Illi qabelxejn is-socjetà esponenti tixtieq tippremetti illi għaliha ma tagħmel l-ebda differenza dwar liema union il-ħaddiema impjegati magħha effettivament jagħżlu illi tirrappreżenthom għal skopijiet ta' negozjar kollettiv mal-istess soċjetà;*

*2. Illi huwa evidenti però illi s-soċjetà esponenti, bħalma qiegħed jiġri ta' spiss f'dawn l-aħħar żminijiet fil-kamp tar-relazzjonijiet industrijali f'pajjiżna, qiegħda intortament tinqabad f'morsa bejn żewġ unions illi qegħdin jikkontendu d-dritt illi huma jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-ħaddiema għal skopijiet ta' negozjar;*

*3. Illi filwaqt illi tapprezza d-dritt tal-ħaddiema illi jagħżlu min jirrappreżenthom fuq il-mejda tan-negozjati rigwardanti kundizjonijiet ta' xogħol, is-soċjetà esponenti tissottometti illi ma jistax ikun illi kwistjonijiet ta' rappreżentanza bejn unions iwasslu sabiex jipparalizzaw l-operat ta' kumpanija, partikolarment meta din tipprovdi servizz daqstant importanti għall-ekonomija tal-pajjiż;*

*4. Illi is-socjetà esponenti hija waħda mill-employers il-kbar f'pajjiżna u timpjega aktar minn 600 mitt ħaddiem. Filwaqt illi wieħed itenni illi s-soċjetà esponenti tirrikonoxxi u dejjem ħaddnet id-dritt ta' rappreżentanza tal-ħaddiema, fl-aħħar mill-aħħar ma jistax ikun illi l-unions, li suppost qed jiġbdu l-ħabel tal-interessi tal-ħaddiema, jibqgħu jillitikaw bejniethom bi preġudizzju tal-operat ta' min l-imsemmija ħaddiema jiddependu għall-għejxien tagħhom. Huwa evidenti dan id-*

*diżgwid mhux biss qed joħloq problemi għas-soċjetà esponenti, iżda qed joħloq piki inutili bejn il-ħaddiema stess fuq il-post tax-xogħol li sfortunatament huma wkoll qed jisfaw vittmi ta' din il-power struggle bejn il-unions, u dan għaliex il-ħaddiema huma rinfaċċjati b'ħafna wegħdiet foloz, tixwix kontra l-unions u d-diriġenti tagħhom, nofs veritajiet li ma jagħmlu ġid ta' xejn u lil ħadd u li joħonqu kwalunkwe tentattiv ta' negozjati, bil-unions jagħmlu talbiet eżorbitanti li jimlew l-irjus ta' xejn. Illi din hija sitwazzjoni li ħolqot konfużjoni u inċertezzi għall-ħaddiema. Biżżejjed ngħidu illi f'din l-aħħar sena/sena u nofs is-soċjetà esponenti kellha ġjà tiffaċċja żewg talbiet għar-rikonoxximent bir-riżultat illi kellhom isiru żewg proċessi ta' verifikar, b'dak kollu illi tali proċessi jġib miegħu, u dan fi żmien daqstant qasir;*

***PRINĊIPJI LEGALI***

*5. Illi l-proċedura ittentata mill-Union rikorrenti hija bbażata fuq l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi fis-sub-artikolu 2 is-segwenti:*

> *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent <u>prima facie</u> jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

*6. Illi l-għan tat-talba odjerna għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni hija li żżomm persuna milli tagħmel xi ħaga li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat, u għal dan il-għan ir-rikorrenti jrid jipprova li mad-daqqa t'għajn <u>(prima facie)</u> huwa għandu dan il-jedd, u li tali mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tiegħu, b'dan li jkun hemm il-biża' li jekk ma jinħariġx tali mandat id-dritt tar-rikorrenti jintilef għal dejjem;*

*7. Illi għalhekk jidher ċar li l-elementi rikjesti sabiex jiġi spedit Mandat ta' Inibizzjoni huma: -*

*(a) Illi jkun jidher "prima facie" li min jitlob il-ħruġ tal-mandat għandu d-dritt li jimpedixxi li ssir xi ħaġa li biha jista' jirrekalu ħsara jew molestja;*

*(b) Il-mandat* (recte) *huwa neċessarju biex jiġi konservat id-dritt tar-rikorrenti, u mhux sempliċiment biex jiġu evitati danni, li jistgħu dejjem jiġu kwantifikati u rimedjati b'azzjoni ad hoc.*

*Dawn il-kondizzjonijiet huma kumulattivi.*

*8. Illi il-proċedura tal-mandat* (recte) *ta' inibizzjoni hija waħda ta' natura eċċezzjonali u l-Qorti fil-konsiderazzjoni tal-istess għandha tiddeċiedi mhux il-mertu tal-kwistjoni, iżda biss fuq bażi ta' prima facie u dan stabbilit b'mod oġġettiv; li l-intimat ikun qed jagħmel atti li qed jikkawżaw ħsara lir-rikorrenti, u jekk ma jinħarigx tali mandat id-drittijiet tar-rikorrenti jiġu irrimedjabbilment preġudikati;*

***IL-FATTI***

*9. Illi fil-bidu tas-sena 2015 sija il-General Workers Union u sija l-Union Ħaddiema Magħqudin ikkontendew illi huma kienu jirrappreżentaw aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-ħaddiema li jaħdmu mas-soċjetà esponenti;*

*10. Illi wara tilwima mressqa mis-socjetà esponenti quddiem it-Tribunal Industrijali kontra il-General Workers' Union (GWU) u l-Union*

*Ħaddiema Magħqudin (UĦM) (Każ 3352/ET) dwar kif u minn min għandu jsir il-proċess ta' verifikazzjoni bejn il-unions, it-Tribunal, permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Mejju, 2015, iddeċieda illi l-verifikazzjoni bejn il-unions kellha ssir permezz ta' secret ballot u liema proċess kellu jitmexxa mid-Dipartiment tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali;*

*11. Illi l-istess imsemmija deċiżjoni stabbiliet illi "il-ħaddiema eliġibbli għas-'secret ballot' huma dawk kollha full-time fil-kategorija tal-General Workforce li huma membri fil-UĦM jew fil-GWU sa tnejn u sebgħin siegħa (72 hours) mid-data u l-ħin li fiha ssir is-'secret ballot'". Għal dan il-għan it-Tribunal Industrijali stabbilixxa illi l-unions iridu jagħtu prova dokumentali tal-membri, liema provi jitqabblu mal-lista ta' ħaddiema tal-kumpanija u li tkun ukoll verifikata mar-records tal-ETC;*

*12. Illi wara laqgħa li saret bejn il-unions imsemmija, is-soċjetà esponenti u uffiċjali tad-Dipartiment tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali, il-partijiet ftiehmu dwar il-modalità ta' kif kellha ssir il-verifika u dan kif jirriżulta mill-minuti tal-laqgħa msemmija li saret nhar it-22 ta' Mejju, 2015 ippreżentati mill-Union rikorrenti f'dawn il-proċeduri bħala Dok GWU2;*

*13. Illi kif jirriżulta mill-minuti fuq imsemmija dan il-proċess kellu jivverifika "min mill-GWU u UĦM għandu l-maġġoranza tal-ħaddiema bħala membri". Illi fil-fatt eliġibbli għall-vot kienu biss il-ħaddiema li ġew indikati mill-Unions li kienu membri tagħhom* (recte)*, filwaqt illi l-ħaddiema li ma kinux jidhru f'xi waħda mil-listi pprovduti miż-żewġ unions ġew eliminati sabiex "ikun hemm lista waħda ta' ħaddiema li huma membri ta' xi waħda miż-żewġ unions, kif ordnat mit-Tribunal Industrijali";*

*14. Illi l-votazzjoni relattiva saret fit-3 u l-4 ta' Ġunju, 2015 u b'konsegwenza tal-eżitu tal-istess votazzjoni s-soċjetà esponenti tat rikonoxximent lill-GWU;*

*15. Illi reċentement il-UĦM reġgħet tablet illi tiġi rikonoxxuta mis-soċjetà esponenti peress li skont hi kellha rappreżentanza ta' aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-ħaddiema;*

*16. Illi peress illi reġa' kellna sitwazzjoni fejn żewġ unions kienu qed jikkontendu illi jgawdu l-maġġoranza fost il-ħaddiema, il-partijiet ftiehmu illi jerġa' jsir proċess ta' verifika simili għal dak li kien sar f'Ġunju 2015, liema proċess reġa' tmexxa mid-Dipartiment tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali. L-andament tal-proċess ta' verifika inkluż l-eżitu tal-votazzjoni li saret nhar it-2 u 3 ta' Mejju, 2016 hija debitament rapportata fir-rapport tat-3 ta' Mejju, 2016, liema rapport huwa ġjà esebit f'dawn il-proċeduri bħala Dok GWU3;*

*17. Illi kif jirriżulta mill-fuq imsemmi rapport, in-numru ta' impjegati eliġibbli, ossija dawk li kienu membri ta' xi waħda miż-żewġ unions kien jammonta għal 577. In-numru ta' voti mitfugħa kien ta' 533. Mill-voti mitfugħa l-UĦM kisbet 275 vot, il-GWU kistbet 254 vot filwaqt illi 4 voti kienu invalidi. Illi għalhekk il-UĦM ottjeniet 52% tal-voti validi mitfugħa filwaqt illi l-GWU ottjeniet 48%;*

***APPLIKATI L-PRINĊIPJI LEGALI GĦAL FATTI***

***Il-Jedd Pretiż***

*18. Illi l-Union rikorrenti qiegħda tibbaża dan il-Mandat fuq l-Artikolu 2B tal-Ftehim Kollettiv (estratt ta' liema huwa esebit bħala Dok GWU1) li permezz tiegħu* (recte) *is-soċjetà esponenti rriżervat id-dritt li "ma tibqax tagħti għarfien ewlieni lill-Union jekk il-membri mħallsa tal-Union ma jkunux għadhom ilaħħqu l-ħamsin fil-mija u wieħed (50% + 1) tal-kategoriji ta' impjegati koperti b'dan il-Ftehim…". Fir-rikors tagħha il-Union rikorrenti qiegħda tallega illi għandha magħha bħala membri mħallsa aktar minn ħamsin fil-mija u wieħed (50% +1) tal-kategoriji ta' impjegati koperti bil-ftehim kollettiv u għalhekk skont l-istess Union u għalhekk ai termini tal-klawżola fuq imsemmija hija għandha tibqa' tgawdi għarfien ewlieni mis-soċjetà esponenti;*

*19. Illi għalhekk il-jedd ta' rikonoxximent pretiż mill-Union rikorrenti huwa* (recte) *intimament marbut mal-allegazzjoni illi hija għadha tgawdi l-maġġoranza tal-ħaddiema;*

*20. Illi s-soċjetà esponenti pproċediet sabiex tirrikonoxxi lill-UĦM bħala l-union ewlenija wara li sar proċess ta' verifika trasparenti u demokratiku mmexxi mid-Dipartiment tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali bi proċedura maqbula bejn il-partijiet kollha inkluż il-Union rikorrenti. Illi għalhekk tali rikonoxximent mhuwiex riżultat ta' xi proċess arbitrarju u/jew diskrezzjonali, iżda riżultat ta' proċess oġġettiv skont prattika industrijali, liema proċess identiku kien intuża meta madwar sena ilu l-istess Union rikorrenti kienet kisbet ir-rikonoxximent uffiċjali mis-soċjetà esponenti;*

*21. Illi l-Union rikorrenti, filwaqt illi taċċetta illi hija ottjeniet anqas voti mill-UĦM fil-proċess ta' verifika fuq imsemmi, qiegħda tikkontendi illi minkejja dan l-UĦM ma ġabitx aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-general workforce u għalhekk il-UĦM ma kinitx intitolata illi tiġi rikonoxxuta mis-soċjetà esponenti;*

*22. Illi qabelxejn wieħed irid josserva illi jekk kif qiegħda ssostni l-GWU, il-UĦM ma għandhiex 50%+1 tal-ħaddiema kollha tas-soċjetà meħtieġa sabiex tiġi rikonoxxuta, wisq anqas m'għandha l-GWU l-imsemmija 50%+1 tal-ħaddiema u dan billi fil-proċess ta' verifika l-GWU ottjeniet anqas voti mill-UĦM. Illi għalhekk, bl-argument tagħha stess, il-GWU m'għandha l-ebda jedd illi tippretendi li tibqa' tgawdi r-rikonoxximent u dan billi bl-interpretazzjoni tal-GWU tar-riżultat tal-proċess ta' verifika, il-membri mħallsa tal-GWU m'għadhomx ilaħħqu 50%+1 tal-kategoriji ta' impjegati koperti mill-Ftehim Kollettiv. Konsegwentement il-GWU m'għandha l-ebda jedd li jeħtieġ illi jiġi protett jew imħares u għalhekk huwa nieqes għalkollox l-ewwel element meħtieġ sabiex jinħareġ dan il-Mandat ta' Inibizzjoni;*

*23. Illi l-argument tal-GWU illi peress illi mill-votazzjoni msemmija l-ebda union ma ġabet il-maġġoranza tal-ħaddiema għandu jibqa' jirrenja l-istatus quo, u għalhekk tibqa' rikonoxxuta l-GWU sakemm ikun hemm proċess ieħor definitiv, huwa għalkollox nieqes minn fundamenti legali u/jew ta' dritt. Il-prassi msemmija fir-rikors tal-Union rikorrenti li union rikonoxxuta tibqa' żżomm l-istat tagħha ta' union rikonoxxuta għal perjodu temporanju sakemm isir proċess ta' verifika ma japplikax f'dan il-każ peress ma hemm l-ebda verifika ulterjuri pendenti. Il-proċess ta' verifika ngħalaq u b'hekk m'għadx hemm stadju transitorju li jiġġustifika l-prassi imsemmija. Kuntrarjament għal dak allegat mill-Union rikorrenti, il-verifika f'dan il-każ saret u r-riżultat tagħha huwa wieħed*

*konklussiv u finali. Jekk kif allegat mill-Union rikorrenti r-riżultat huwa tali li ebda union ma ġabet 50%+1, dan huwa riżultat konklussiv fih innifsu, li jfisser li l-GWU m'għadx għandha jedd, la fil-liġi, la ai termini tal-Ftehim Kollettiv, illi tibqa' tingħata l-għarfien ewlieni kif minnha pretiż;*

*24. Illi għalhekk a bażi tal-argumentazzjonijiet sollevati mill-Union rikorrenti stess fir-rikors tagħha, il-Union rikorrenti hija nieqsa mill-jedd meħtieġ sabiex jiġi ġġustifikat l-ħruġ tal-mandat odjern;*

*25. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà esponenti tikkontendi illi r-riżultat tal-proċess ta' verifika fil-fatt ta riżultat ċar u konklussiv illi l-union l-oħra, ossija l-UĦM, effettivament tirrappreżenta l-maġġoranza tal-ħaddiema bħala membri tagħha. Illi l-proċess ta' verifika kien neċessitat peress illi ż-żewġ unions kienu t-tnejn qegħdin isostnu li kellhom bħala membri aktar minn 50% tal-ħaddiema kollha. Dan normalment jiġri peress illi xi ħaddiema jidħlu membri fiż-żewġ unions. Illi f'dawn il-każijiet normalment, minflok wieħed jaqbad dawk il-ħaddiema li huma membri taż-żewg unions u jintalbu jagħmlu għażla ta' preferenza bejn union jew oħra, sabiex ma ssirx pressjoni żejda fuq tali ħaddiema, il-prattika industrijali hija tali li ssir verifika mal-ħaddiema membri kollha ta' dawk il-unions li qed jikkontendu l-għarfien;*

*26. Illi allura dan iffisser illi f'każ bħalma hu dak odjern, fejn hemm żewġ unions illi t-tnejn qed jallegaw illi għandhom aktar minn 50% tal-ħaddiema bħala membri tagħhom* (recte)*, bħala kundizzjoni neċessarja sabiex jiġi inizzjat il-proċess ta' verifika, iż-żewġ unions inkwistjoni iridu l-ewwel jagħtu provi dokumentali lil min qed imexxi dan il-proċess, f'dan il-każ id-Dipartiment tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali, li huma vera*

*għandhom bħala membri aktar minn 50% tal-ħaddiema kif allegat. Din hija kundizzjoni ċara illi toħroġ saħansitra mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tas-7 ta' Mejju, 2015 fuq imsemmija. Jekk waħda jew iż-żewġ unions ma jirnexxilhomx jippruvaw illi għandhom bħala membri aktar minn 50% tal-ħaddiema, allura f'dak il-każ ma jkunx meħtieġ illi jitkompla l-proċess ta' verifika. Stabbilit li ż-żewg unions kontendenti fil-fatt għandhom bħala membri aktar minn 50% tal-ħaddiema, l-iskop tal-verifika/votazzjoni huwa proprju sabiex il-membri jagħtu preferenza liema miż-żewġ unions, li t-tnejn igawdu maġġoranza ta' ħaddiema bħala membri, għandha tirrappreżenthom għall-finijiet ta' negozjar kollettiv;*

*27. Illi bħal kull elezzjoni oħra demokratika jirbaħ minn ikun ottjena l-maġġoranza tal-voti validi mitfugħa. Filwaqt illi huwa d-dmir ta' kull min huwa intitolat għall-vot illi jipparteċipa, mhux possibbli illi tisforza illi kulħadd jagħmel dan. Diment illi l-proċess/votazzjoni huwa wieħed trasparenti u demokratiku, bħalma kien f'dan il-każ, allura r-rieda tal-maġġoranza ta' dawk illi pparteċipaw f'dan il-proċess għandu jittieħed bħala espressjoni tal-preferenza tal-ħaddiema dwar liema miż-żewġ unions (li t-tnejn ġie stabbilit għandhom bħala membri aktar minn 50% tal-ħaddiema) jixtiequ illi jirrappreżenthom;*

*28. Illi huwa paċifiku li f'dan il-każ il-UĦM ottjeniet il-maġġoranza tal-voti validi mitfugħa u fuq din il-bażi is-soċjetà esponenti in buona fede tat l-għarfien tagħha lill-UĦM;*

*29. Illi għalhekk inkwantu illi l-għarfien tal-UĦM bħala l-union ewlenija da parti tas-soċjetà esponenti sar wara proċess trasparenti u demokratiku, liema proċess ġie maqbul bejn il-partijiet u tmexxa minn*

*entità indipendenti li kellha l-fiduċja tal-partijiet kollha inkluż l-Union rikorrenti; u tenut kont illi ma hemm l-ebda allegazzjoni ta' xi skorrettezzi fl-andament tal-proċess innifsu, allura għandu jirriżulta illi l-għarfien tal-UĦM da parti tas-soċjetà esponenti huwa wieħed validu* (recte)*, u li l-Union rikorrenti, tal-anqas fuq livell ta' prima facie m'għandha l-ebda jedd li fuqu tista' tiġġustifika l-ħruġ ta' dan il-Mandat;*

***Irrimedjabilità***

*30. Illi mir-rikors odjern mhuwiex ċar x'inhuwa l-preġudizzju irrimedjabbli illi l-Union rikorrenti qiegħda tallega illi ser tbati f'każ illi dan il-Mandat ma jintlaqax b'mod definittiv;*

*31. Illi s-soċjetà esponenti temmen illi irrispettivament minn liema union ikollha d-dritt illi tinnegozja f'isem il-ħaddiema, tali negozjati ser iġibu qabel kollox l-interessi tal-ħaddiema. Illi wara kollox il-partijiet fi kwalunkwe negozjati kollettivi huma l-kumpanija u l-ħaddiema rappreżentati minn union jew oħra. Finalment, kwalunkwe union illi tiġi vestita bid-dritt illi tinnegozja qiegħda tagħmel dan f'isem u fl-interess tal-istess ħaddiema, u għalhekk wieħed ma jistax jifhem il-preġudizzju illi l-ħaddiema jistgħu jsofru jekk dan il-Mandat ma jintlaqax;*

*32. Illi kif qalet din l-istess Onorabbli Qorti fid-deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Novembru, 2015 fil-kawża fl-ismijiet General Workers Union vs. Malta Public Transport Services (Operations) Limited et (Rikors Nru. 254/2015(LM))*

*"talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni f'kuntest ta' tilwima industrijali tippreżenta sitwazzjoni ferm aktar kumplessa u problematika mill-kuntest li fih normalment jintalab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jiġu kkawtelati l-pretensjonijiet ta' kreditur kontra d-debitur tiegħu".*

*33. Illi fl-imsemmija kawża, din il-Qorti kompliet tgħid illi:*

*"F'kuntest ta' konflittwalità u lottizzazzjoni ħarxa għall-għarfien bejn żewġ unions ewlenin f'post ta' xogħol li jipprovdi impjieg lil għadd kbir ta' ħaddiema, filwaqt li jridu jitħarsu d-drittijiet tat-trade unions għal dawk li huma drittijiet ta' rappreżentanza għall-finijiet ta' collective bargaining, l-ikkawtelar tad-drittijiet u l-pretensjoniiet tat-trade unions permezz ta' mandati kawtelatorji m'għandux mill-banda l-oħra jippreġudika d-drittijiet ta' terzi u tal-pubbliku inġenerali lil hinn minn dak li hu assolutament meħtieġ biex ma jiġux ippreġudikati l-pretensjonijiet u l-jeddijiet ta' min jitlob il-ħruġ tal-Mandat."*

*34. Illi fl-analiżi tagħha din il-Qorti fil-kawża fuq ċitata stabbiliet illi f'dawn it-tip ta' proċeduri hija trid tiżgura li*

*"jintlaħaq bilanċ ġust bejn dak li huwa assolutament meħtieġ biex jiġu kkawtelati u salvagwardjati l-pretensjonijiet ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat u l-ħarsien ta' jeddijiet ta' terzi li m'għandhomx ikunu affettwati jew ippreġudikati bla bżonn, liema bżonn għandu jkun iddettat biss minn dak li huwa assolutament neċessarju biex*

*jiġu kkawtelati l-pretensjonijiet tal-persuna li tkun talbet il-ħruġ tal-Mandat."*

*35. Illi, li kieku kellu jintlaqa' dan il-Mandat b'mod definittiv, l-effetti tiegħu ser joħlqu paraliżi fir-relazzjonijiet industrijali u dan għad-detriment tal-istess ħaddiema. Irridu niftakru illi s-soċjetà esponenti diġà tat l-għarfien lill-UĦM bħala l-union ewlenija u konsegwentement żvestiet lill-GWU mir-rikonoxximent li kellha qabel, u dan wara r-riżultanzi tal-proċess ta' verifika fuq imsemmi. Konsegwentement jekk dan il-Mandat jintlaqa', u allura s-soċjetà esponenti tiġi inibita milli tinnegozja mal-UĦM dwar kwistjonijiet industrijali, dan ma jfissirx, kif jidher illi qed tippretendi l-GWU, illi s-soċjetà esponenti ser awtomatikament iddur biex tinnegozja mal-GWU;*

*36. Illi għal fini u l-effetti kollha tal-liġi il-GWU m'għadx għandha l-għarfien tas-soċjetà esponenti. Sakemm id-deċiżjoni tas-soċjetà esponenti illi tagħraf lill-UĦM bħala l-union ewlenija ma tiġix annullata mill-Qorti kompetenti fl-ambitu tal-proċeduri illi l-GWU hija intenzjonata illi tintavola fil-mertu, tali rikonoxximent ser jibqa' validu u għalhekk dan il-Mandat ser iservi biss sabiex jitwaqqaf l-effetti ta' dak l-għarfien u b'riżultat kwalunkwe negozjar kollettiv. Ma hemmx dubju illi li kieku f'dawn iċ-ċirkostanzi s-soċjetà esponenti kellha tinnegozja dwar kwistjonijiet industrijali mal-GWU, il-UĦM, munita bir-rikonoxximent uffiċjali mis-soċjetà esponenti b'riżultat ta' maġġoranza ottjenuta minn eżitu ta' proċess ta' verifika trasparenti, demokratika u imparzjali, ser jitlob ukoll li s-soċjetà esponenti tiġi inibita milli tinnegozja mal-GWU;*

*37. Illi għalhekk jekk dan il-Mandat kellu jintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti b'mod definit, allura dan ifisser illi effettivament is-*

> *soċjetà esponenti ma tkunx tista' tinnegozja ma' ebda union tal-ħaddiema u b'hekk ser jinħoloq deadlock għal żmien illi huwa indefinit;*
>
> *Għaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost, dan il-Mandat għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-Union rikorrenti.*

Rat id-digriet tagħha mogħti fis-6 ta' Mejju, 2016 li permezz tiegħu laqgħet provviżorjament it-talba tar-rikorrenti u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Mejju 2016 li permezz tiegħu ordnat is-sejħa tal-Union Ħaddiema Magħqudin f'dan il-proċediment

Rat ir-rikors ippreżentat fl-istess data tal-Union Ħaddiema Magħqudin li bih talbet li tintervjeni *in statu et terminis* li ġie irtirat b'verbal tal-avukati tal-istess Union fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2016.

Rat ir-Risposta ppreżentata fis-16 ta' Mejju, 2016 mill-**Union Ħaddiema Magħqudin** (minn issa 'l quddiem "il-UĦM") li taqra hekk:

> *Preliminarjament illi l-Union esponenta tinnota b'sodisfazzjon is-sens ġust u ewku fl-inizjattiva li ħadet din l-Onorabbli Qorti sabiex ex officio, anke qabel ma ġie intavolat r-rikors appositu da parti tal-Union esponenta, issejjaħ f'dawn il-proċedimenti lill-Union esponenta (UĦM) meta kien evidenti l-interess tagħha*

*f'dawn il-proċeduri – tassew każ fejn il-ġustizzja mhux biss issir imma tkun tidher li qed issir.*

*In risposta għat-talba għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni odjern kif mitlub mill-General Workers Union (GWU), il-Union esponenti għandha s-segwenti risposta/sottosmissjonijiet :*

***FATTI FIL-QOSOR***

*1. Qabelxejn illi essenzjalment hemm qbil mal-premessi/fatti kif esposti mill-Kumpannija intimata Malta Freeport Terminals Limited (MFT) fir-risposta tagħha, senjatament għall-paragrafi numri 9 sa 14.*

*2. Il-UĦM, fil-gimgħat li għaddew, ressqet talba għar-rikonoxximent ewlieni wara li l-ħaddiema fil-MFT (a) membri tagħha u (b) li jħallsu s-sħubija permezz taċ-check off system, kien 50%+1 tal-ħaddiema koperti b'dan il-Ftehim Kollettiv.*

*3. F'dan l-istadju intużat is-sistema taċ-check-off għaliex din hija l-unika stampa tas-sitwazzjoni li tkun qed tara l-kumpanija u l-uniku mezz kif tkun tista' <u>prima facie</u> tiddetermina illi t-talba mressqa mill-UĦM hijiex waħda fiergħa jew veritiera.*

*4. Irriżulta illi l-kumpanija għamlet dan l-eżerċizzju u rriżulta li MFT ikkonfermat illi l-UĦM veru kellha 50%+1 skont iċ-check off system. Kieku dan ma kienx il-każ, kieku l-proċess tat-talba għar-rikonoxximent kien jieqaf hawn.*

*5. Irriżulta wkoll però illi għal MFT kien qed jidher fuq l-kotba tagħha illi mis-sistema taċ-check off, ma kinitx biss il-UĦM li kellha l-50%+1, iżda anke l-GWU kienet qed tissodisfa l-kriterju tal-50%+1.*

*6. Kien għalhekk illi f'dan l-istadju l-MFT talbet l-intervent tal-uffiċċju tad-DIER u filwaqt illi, f'dan l-istadju, ma rtiratx ir-rikonoxximent tal-GWU, lanqas ma tat ir-rikonoxximent lil UĦM.*

*7. Id-DIER talab liż-żewġ unions jgħaddu l-listi tagħhom tal-membri. Barra minn hekk sejjaħ għal-laqgħa bejn iż-żewġ unions u l-MFT li kienet iffaċilitata mill-istess DIER. Għal din il-laqgħa l-GWU ma attendietx. F'din il-laqgħa ġie miftiehem illi tinżamm ballot u l-proċedura li intużat sena qabel u li dwarha kien hemm qbil bejn il-partijiet kollha, kellha terġa' tintuża una volta sena qabel ħadmet tajjeb. Jingħad ukoll illi l-proċedura addottata sena qabel kienet in linea mad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tas-7 ta' Mejju, 2015.*

*8. Illi l-ħsieb wara l-ballot huwa illi ġaladarba hemm ħaddiema illi jridu jħallsu l-miżati taż-żewġ unions, allura fil-kwiet tal-ballot procedure, huma jieħdu deċiżjoni u jagħżlu liema miż-żewg unions għanda tirrappreżenthom fin-negozjati. Bħal qabel, ġie deċiż li se jivvutaw dawk kollha fuq l-listi taż-żewġ unions, anke għax min ma kienx parti mill-ebda union qatt ma seta' jingħata d-dritt tal-għażla tal-union.*

*9. F'dan l-stadju kulħadd qabel li 577 (dawk membri fl-unions biss) kienu ser jingħataw id-dritt tal-vot. Fil-fatt ħadd miż-żewġ unions ma ikkontesta dan u l-elezzjoni saret għal 577 ħaddiem li*

*kienu eliġibbli biex jivvotaw bi ftehim u in linea wkoll mal-mod kif kien sar sena qabel.*

*10. Jirriżulta li fuq jumejn ta' elezzjoni, ħarġu 533 ħaddiem jivvutaw li jammontaw għal 92.3% ta' dawk eliġibbli li jivvutaw, li minnhom erbgħa kienu invalidi. 275 xeħtu l-vot a favur il-UĦM, li jammontaw għal 52% tal-voti validi mitfugħa. Il-GWU ġabet l-appoġġ ta' 48%.*

*11. Sabiex din l-Onorabbli Qorti tifhem aħjar il-proċess, qed issir tabella li turi, like with like, kif fis-sena 2015 u 2016, l-elezzjoni tmexxiet preċiż bl-istess mod, bl-istess prinċipji, bl-istess kriterji, u filwaqt illi l-GWU aċċettat ir-riżultat tal-votazzjoni demokratika fis-sena 2015 għax rebħet, qed tonqos milli tadotta l-istess kejl illum wara votazzjoni oħra simili għaliex tilfet.*

*12. Dan ħażin. Dan ma għandux ikun aċċettabbli. F'telfa, l-aktar ħaġa onorabbli li tista' ssir hija illi tbaxxi rasek, taċċetta t-telfa, twarrab, tagħmel post għal dak magħżul u anzi tappoġġja lil dak magħżul fl-aħjar interess tad-drittijiet trejdunjonistiċi tal-istess Unions u l-membri taghhom kollha.*

| | ***2015*** | ***2016*** |
|---|---|---|
| *Eliġibbli* | *562* | *577* |
| *Ivvotaw* | *537* | *533* |
| *Invalidi* | *4* | *4* |
| *Validi* | *533* | *529* |
| *UĦM* | *240 (45%)* | *275 (52%)* |
| *GWU* | *293 (55%)* | *254 (48%)* |

***PRINĊIPJI LEGALI***

*Il-UĦM tagħmel tagħha l-paragafi 5 sa 8 tar-Risposta tal-MFT f'dan ir-rigward u dan a skans ta' ripetizzjoni u tul inutili.*

***SOTTOMISSJONIJIET TA' DRITT***

*Il-UĦM tagħmel tagħha l-paragrafi 18 sa 29 tar-Risposta tal-MFT f'dan ir-rigward u dan a skans ta' ripetizzjoni.*

*Ulterjorment però, il-UĦM tħoss illi għandha tagħmel is-segwenti sottomissjonijiet :*

*Il-klawsola 2B tal-Ftehim Kollettiv viġenti ma tiqafx sa dik il-parti kkwotata fir-risposta tal-MFT, - "ma tibqax tagħti għarfien ewlieni lill-Union jekk il-membri mħallsa tal-Union ma jkunux għadhom ilaħħqu l-ħamsin fil-mija u wieħed (50% + 1) tal-kategoriji ta' impjegati koperti b'dan il-Ftehim…", iżda tkompli biex tgħid "jew jekk tkun obbligata li ma tibqax tagħti għarfien ewlieni skont il-liġi jew il-prattika industrijali" - kliem, ġustament kkwotat fir-rikors promotur tal-GWU.*

*Il-UĦM tħoss illi dan jimmerita ftit osservazzjonijiet.*

*Fl-ewwel lok, il-Ftehim Kollettiv jagħmel liġi bejn il-partijiet, u dan il-valur legali għandu jingħata l-piż mistħoqq.*

*Fit-tieni lok, illi l-klawsola hija għalhekk ċara fis-sens illi tagħti aktar minn xenarju wieħed meta l-MFT tista', (għax huwa dritt riżervat), ma tibqax tagħti għarfien ewlieni, ċioè, jew meta dik il-*

*Union ma tibqax tgawdi l-50%+1 tal-membri mħallsa* jew *jekk tkun hekk obbligata tagħmel skont il-ligi jew il-prattika industrijali.*

*Jiġi umilment sottomess illi din it-tieni parti mhux biss ma għandiex tiġi skartata, iżda hija addirittura s-soluzzjoni għall-vertenza li hemm bejn il-partijiet. U dan qed jingħad mingħajr preġudizzju għas-sottomissjonijiet ġjà allura magħmula fir-rigward tal-proċess ta' verifika indipendenti li sar, tal-ballot procedure u kif ir-riżultat finali huwa wieħed determinanti u finali li jaqta' darba għal dejjem il-vertenza bejn il-partijiet dwar liema miż-żewg unions involuti kellha tingħata r-rikonoxximent.*

*F'dan il-kuntest, irid jingħad illi :*

*a) Hemm minuti ta' laqgħa li nżammet mar-rappreżenanti tal-ħaddiema, fejn fil-presenza tad-DIER u s-Segretarju Permanenti MSDC, intlaħaq qbil unanimu bejn il-Unions, dawk hawnekk kontendenti, imma wkoll oħrajn, dwar il-proċess ta' verifika f'sitwazzjonijiet bħal dawk li ġejna affaċċjati bihom fil-MFT.*

*b) Illi dan il-ftehim milħuq kien ukoll mnebbaħ mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali Nru 2385 tas-7 ta' Mejju, 2015.*

*c) Illi dan il-qbil gie tradott u applikat fil-proċess tal-verfika magħmula fis-sena 2015, minn fejn irriżulta illi l-GWU kellha d-dritt għar-rikonoxximent ewlieni, u l-UĦM dakinhar aċċettat id-disfatta.*

*d) Illi dan l-istess qbil reġa' ġie tradott fil-proċess tal-verifika magħmul din is-sena, 2016, minn fejn issa rriżulta illi l-UĦM għandha d-dritt għar-rikonoxximent ewlieni, imma fejn il-GWU mhux taċċetta d-disfatta.*

*F'dan il-proċess kollu għalhekk, il-UĦM issib konfort tgħid illi l-proċess maqbul u adoperat għal darba darbtejn, ukoll mnebbaħ u sostnut mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, u mħaddem mid-DIER bħala awtorità kompetenti, huwa proċess illi issa jikkostitwixxi prattika industrijali stabbilita, anke forsi, fin-nuqqas ta' regolamentazzjoni stretta u ċara. Fuq kollox, għalhekk "prattika".*

*Kwindi, huwa paċifiku jingħad illi ai termini tal-klawsola 2B tal-Ftehim Kollettiv, il-Management tal-MFT kien korrett illi, wara proċess ta' verifika ċar u trasparenti, adoperat skond ftehim imma wkoll skont il-prattika industrijali issa stabbilita, jirtira r-rikonoxximent ewlieni tal-GWU u jagħti għarfien lill-UĦM.*

*Dwar l-irrimedjabilità, il-UĦM tagħmel tagħha l-paragrafi 30 sa 37 tar-Risposta tal-MFT. B'żieda appuntu ma' dak li jingħad fil-paragrafu 37 msemmi, jingħad illi jista' jkun hemm is-segwenti xenarji :*

*It-talba għal Mandat tiġi miċħuda u jidħol fis-seħħ ir-riżultat demokratiku elettorali fl-aħjar interess tal-proċess industrijali demokratiku u tal-ħaddiema li għamlu l-għażliet tagħhom, jew*

*It-talba għal mandat tintlaqa' u l-MFT ma tkunx tista' tinnegozja u tikkonkludi Ftehim Kollettiv, bil-konsegwenza illi għal snin sħaħ, tbati l-kumpannija u l-ħaddiema tagħha. Għax finalment il-*

*preġudizzju jsofruh biss il-ħaddiema, membri ta' Union jew oħra, jibqgħu huma illi jbatu l-konsegwenzi ta' proċeduri twal, "perdurevoli u li jistgħu jtulu għal għadd ta' snin pendenti l-eżitu tal-kawża", kif stqarret din l-Onorabbli Qorti fid-digriet tagħha tal-10 ta' Mejju, 2016.*

*U l-Union esponenta jsaqsi – min ibati tali konsegwenzi? Il-UĦM? Il-GWU? Jew il-ħaddiema, li għal snin twal jkollom il-kundizzjonijiet tagħhom staġnati u ffriżati fil-Ftehim Kollettiv viġenti? Il-ħaddiema li ma jkollomx Union tirrappresenthom? Il-ħaddiema li ma jkunux jistgħu jingħaqdu biex f'dik l-għaqda jkun hemm is-saħħa?*

*Tassew illi kulħadd għandu jemmen li ebda Union ma trid iddgħajjef is-saħħa tal-ħaddiem. Tassew illi kulħadd għadu jemmen illi ebda Union ma trid tkisser l-għaqda tal-ħaddiem. Tassew illi kulħadd għadu jemmen illi l-Unions jemmnu illi fl-għaqda, hemm is-saħħa.*

*Hemm imma l-biża', illi dan it-tentattiv tal-GWU fit-talba tagħha għal ħruġ tal-Mandat de quo – jista' jwassal għall-kuntrarju. U b'hekk, il-preġudizzju ma jkunx ta' Union jew oħra, imma tal-ħaddiem. F'dan il-kuntest, bl-umiltà, issir referenza għall-mod paċifiku u trankwill li bih id-dritt tan-negozjar għadda minn għand il-UĦM għal għand il-GWU appena sena ilu. Fl-interess tal-ħaddiema, membri jew le.*

*Jiġi umilment sottomess, illi l-istorja għandha tirrepeti ruħha fl-aħjar interess tal-ħaddiema u tad-demokrazzija industrijali, li ma hemmx dubbju, din l-Onorabbli Qorti għandha wkoll interess illi tħares għaliex is-soċjetà, inkluż il-ħaddiem, isib konfort u*

*protezzjoni minn preġudizzju fid-deċizjonijiet tal-Qrati tagħna. Biex tkun tħarset is-sewwa. Biex tkun tħares il-ħaqq. Biex tkun tħarset il-liġi u l-prattika industrijali.*

*Huwa għal dawn ir-raġunijiet ukoll illi t-talba għall-Mandat ta' Inibizzjoni odjern għandu jiġi miċħud.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semgħet ix-xhieda ta' Josef Bugeja, Segretarju Ġenerali tal-General Workers Union, ta' Josef Vella, Chief Executive Officer tal-Union Ħaddiema Maqgħudin u ta' Jesmond Bonello, Direttur tal-Union Ħaddiema Maqgħudin.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Mejju, 2016 fejn ir-rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li jirriżultaw mill-atti ta' dan il-proċediment huma dawn:

(1) fil-bidu tas-sena 2015 kemm-il General Workers Union u kif ukoll l-Union Ħaddiema Magħqudin ikkontendew illi huma kienu jirrappreżentaw aktar

minn ħamsin fil-mija (50%) tal-ħaddiema fil-*General Workforce* li jaħdmu mas-soċjetà intimata.

(2) wara tilwima mressqa mis-soċjetà intimata quddiem it-Tribunal Industrijali kontra l-General Workers' Union (GWU) u l-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM) (Kaz 3352/ET) dwar kif u minn min għandu jsir il-proċess ta' verifika bejn il-unions, it-Tribunal, permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Mejju, 2015, iddeċieda illi l-verifika bejn il-unions kellha ssir permezz ta' *secret ballot* u liema proċess kellu jitmexxa mid-Dipartiment tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali.

(3) l-istess deċiżjoni stabbiliet illi "*il-ħaddiema eliġibbli għas-'secret ballot' huma dawk kollha full-time fil-kategorija tal-General Workforce li huma membri fil-UĦM jew fil-GWU sa tnejn u sebgħin siegħa (72 hours) mid-data u l-ħin li fiha ssir is-'secret ballot'*". Għal dan il-għan it-Tribunal Industrijali stabbilixxa illi l-unions iridu jagħtu prova dokumentali tal-membri, liema provi jitqabblu mal-lista ta' ħaddiema tal-kumpanija u li tkun ukoll verifikata mar-records tal-ETC;

(4) wara laqgħa li saret bejn il-unions imsemmija, is-soċjetà esponenti u uffiċjali tad-Dipartiment tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali, il-partijiet ftiehmu dwar il-modalità ta' kif kellha ssir il-verifika u dan kif jirriżulta mill-minuti tal-laqgħa msemmija li saret nhar it-22 ta' Mejju, 2015 ippreżentanti mill-Union rikorrenti f'dawn il-proċeduri bħala Dok GWU2;

(5) kif jirriżulta mill-minuti fuq imsemmija dan il-proċess kellu jivverifika "*min mill-GWU u UĦM għandu l-maġġoranza tal-ħaddiema bħala membri*". Illi fil-fatt eliġibbli għall-vot kienu biss il-ħaddiema li ġew indikati mill-Unions li kienu membri tagħhom, filwaqt illi l-ħaddiema li ma kinux jidhru f'xi waħda mil-listi pprovduti miż-żewġ unions ġew eliminati sabiex *"ikun hemm lista waħda ta' ħaddiema li huma membru ta' xi waħda miż-żewg unions, kif ordnat mit-Tribunal Industrijali*";

(6) Il-votazzjoni relattiva saret fit-3 u l-4 ta' Ġunju, 2015 u b'konsegwenza tal-eżitu tal-istess votazzjoni s-soċjetà intimata tat rikonoxximent lill-GWU;

(7) reċentement il-UĦM reġgħet tablet illi tiġi rikonoxxuta mis-soċjetà intimata peress li skont hi kellha rappreżentanza ta' aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-ħaddiema;

(8) peress illi reġa' kien hemm sitwazzjoni fejn żewġ unions kienu qed jikkontendu illi jgawdu l-maġġoranza fost il-ħaddiema, il-partijiet ftiehmu illi jerġa' jsir proċess ta' verifika simili għal dak li kien sar f'Ġunju 2015, liema proċess reġa' tmexxa mid-Dipartiment tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali. L-andament tal-proċess ta' verifika inkluż l-eżitu tal-votazzjoni li saret nhar it-2 u 3 ta' Mejju, 2016 hija debitament rapportata fir-rapport tat-3 ta' Mejju, 2016 (Dok GWU3);

(9) Illi kif jirriżulta mill-fuq imsemmi rapport, in-numru ta' impjegati eliġibbli, ossija dawk li kienu membri ta' xi waħda miż-żewg unions kien jammonta għal 577. In-numru ta' voti mitfugħa kien ta' 533. Mill-voti mitfugħa l-UĦM kisbet 275 vot, il-GWU kisbet 254 vot, filwaqt illi 4 voti kienu invalidi. Illi għalhekk il-UĦM kisbet 52% tal-voti validi mitfugħa filwaqt illi l-GWU ottjeniet 48%.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) li jirregolaw l-atti kawtelatorji, fosthom il-mandat ta' inibizzjoni, insibu l-Artikolu 829 li jiddisponi li kull persuna tista', mingħajr mhu meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni, tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha b'xi wieħed jew iżjed mill-mandati kawtelatorji msemmijin fl-istess titolu VI tal-Kodiċi ċitat li jiġu maħruġa u esegwiti taħt ir-responsabbiltà tagħha.

Illi biex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, jinħtieġ jikkonkorru tliet elementi: (i) li L-intimat qiegħed jagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lir-rikorrent; (ii) li jkun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu d-dritt li jimpedixxi lill-intimat li jagħmel dik il-ħaġa li biha jista' jirrekalu ħsara u (iii) l-mandat ikun neċessarju biex jiġi konservat dak id-dritt tar-rikorrent.

Fil-kawża fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè**[1] l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkummentat hekk dwar ir-rekwiżit tal-*prima facie*:-

[1] App. Ċiv. 14.7.1988 (Kollez. Vol: LXXII.ii.290).

> "It-tieni rekwiżit, u ċjoè 'li dan ir-rikorrenti *prima facie* jidher li għandu dawn il-jeddijiet' huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat".[2]

Fid-dritt Taljan, jingħad li *"Il procedimento cautelare si caratterizza per la pienezza del comando giudiziale anticipatore della sentenza di merito, pur comportando sommarietà dell'accertamento, ridotta possibilità di contradittorio e particolarmente celerità. La sommarietà delle fasi di tale procedimento può essere giustificata solo dalla chiara accoglibilità della domanda; in tutti i casi in cui non esiste tale evidenza, la pretesa non può essere esaminata se non secondo i modelli istituzionalmente ordinari"*.[3] Fi kliem it-Tribunale di Milano, *"il diritto fatto valere deve essere di immediata evidenza e non richiedere complessi e approfonditi accertamenti istruttori."*.[4]

Ingħad ukoll li *"La verifica della ricorrenza della condizione del* ***fumus boni iuris*** *implica esclusivamente la formulazione di un giudizio di probabilità in ordine all'eventuale fondatezza della pretesa impugnata; giudizio necessariamente sommario, da svolgersi allo stato degli atti e risolventesi nella comparazione tra l'attendibilità delle prospettazioni svolte dalle parti in conflitto"*.[5]

---

[2] **George Galea vs. Giovanni Elia Zammit Haber** 09.05.2007 QM(Għ) (GS-AE).
[3] Cian e Trabucchi, *Breviaria Iuris 2011, commmento giurisprudenziale*, dwar l-Artikolu 669 tal-Kodiċi ta' Proċedura Taljan, paġna 3073
[4] Trib. Milano 22.09.2005, ord. *G.d.* 06 fasc. 18; 85
[5] Trib. Napoli 6-6-95, ord., *F. it.* 97, I, 2199

**Ikkunsidrat:**

Illi l-UĦM tirrileva li l-GWU kienet qagħdet għar-riżultat tal-ewwel ballottaġġ (2015) għax kien favuriha, mentri qed topponi għar-riżultat tat-tieni ballottaġġ (2016) għax ġie kontrieha u dan meta ż-żewġ ballotaġġi saru taħt l-istess regoli.

Illi l-GWU tissottometti li hemm differenza bejn l-ewwel u t-tieni ballottaġġ, għax filwaqt li fl-ewwel ballottaġġ hija kisbet maġġoranza ta' 50%+1 tal-ħaddiema kollha fil-*general workforce,* fit-tieni ballottaġġ il-GWU għalkemm kisbet voti inqas milli kisbet il-UĦM, xorta waħda din tal-aħħar ma kisbitx il-50%+1 tal-ħaddiema kollha fil-*general workforce*.

Illi l-Union rikorrenti ssostni li skont paragrafu 2 tal-ftehim kollettiv "viġenti", is-soċjetà intimata tkun intitolata li tirtira r-rikonoxximent lill-union rikorrenti *"... jekk il-membri mħallsa tal-Union ma jkunux għadhom ilaħħqu l-ħamsin fil-mija u wieħed (50%+1) tal-kategoriji ta' impjegati koperti b'dan il-Ftehim, jew jekk tkun obbligata li ma tibqax tagħti għarfien ewlieni skont il-liġi jew il-prattika industrijali."*

Illi l-ftehim kollettiv "viġenti" kien sar bejn il-Malta Freeport Terminals Limited u l-Union Ħaddiema Magħqudin u kellu jdum fis-seħħ bejn l-1 ta' Jannar, 2007 u l-31 ta' Diċembru, 2012. Il-GWU tissottometti li ġaladarba skont ir-riżultat

tal-ballottaġġ li sar f'Mejju ta' din is-sena, l-ebda waħda miż-żewġ unions ma ġabet aktar minn ħamsin fil-mija u wieħed (50%+1) tal-kategorija ta' impjegati koperti bil-ftehim kollettiv, hija *de facto* u ai termini tal-ftehim kollettiv dik il-union li għandha tgawdi r-rikonoxximent. Il-GWU tisħaq illi skont dan il-ftehim kollettiv kif ukoll skont il-prattika tar-relazzjonijiet industrijali, għandu jiġi rrispettat l-i*status quo* sakemm jirriżulta minn ballottaġġ ieħor li l-maġġoranza tal-ħaddiema fil-*general workforce* jridu lill-UĦM tiġi rikonoxxuta bħala l-Union li tirrappreżentahom. Bħala xhieda ta' din il-prattika industrijali, il-GWU tiċċita l-każ tal-*engineering section* fi ħdan il-Malta Freeport Terminals Limited fejn permezz ta' proċess ta' verika (mhux ta' ballottaġġ), f'sitwazzjoni fejn l-ebda waħda miż-żewġ unions ma kellha l-appoġġ tal-50%+1 tal-ħaddiema kollha f'din il-kategorija, il-GWU għad li kellha aktar membri mill-UĦM ma ngħatatx ir-rikonoxximent, sakemm sussegwentement kisbet il-maġġoranza tal-ħaddiema f'din il-kategorija.

Illi l-UĦM ukoll tagħmel riferiment għall-istess klawżola tal-ftehim kollettiv li wkoll tiddeskrivih bħala "viġenti", anke jekk kellu jiskadi fis-sena 2012. Il-UĦM tosserva li skont l-istess klawżola, l-għarfien jiġi rtirat mhux biss jekk union ma jibqgħalhiex 50%+1 tal-ħaddiema iżda wkoll *"jekk tkun obbligata li ma tibqax tagħti għarfien ewlieni skont il-liġi jew il-prattika industrijali"*.

Il-UĦM tissottometti li hemm prattika industrijali li min iġib maġġoranza sempliċi f'ballottaġġ jiġi rikonoxxut. Hija tikkwota minuti ta' laqgħa tal-'Employees Representatives' ippreseduta miċ-Chairman tal-Employment

Relations Board (ERB) il-Prof. Edward Zammit li nżammet fit-23 ta' Ġunju, 2015[6], fejn fil-presenza ta' rappreżentanti tad-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tax-Xogħol u tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Drittijiet Ċivili (MSDC), intlaħaq qbil unanimu bejn il-Unions, mhux biss bejn dawk hawnhekk kontendenti, imma anki ma' unions oħrajn, dwar il-proċess ta' verifika f'sitwazzjonijiet bħal dawk li ġew affaċċjati bihom fil-Malta Freeport Terminals Limited. F'dawk il-minuti jingħad hekk fost l-oħrajn:

> *"Regarding the actual vote, for recognition purposes, specifically the secret ballot, the union challenging a recognized union shall present a list proving 50%+1 of members out of all employees. If this is the case, then, a secret ballot would take place and only union members would be entitled to vote. Recognition would then be granted by the employer* ***to that union which obtains a simple majority.***[7] *There was a discussion on what happens in the case of three unions participating in the ballot. Mr Tony Zarb suggested that there will be two rounds of ballots. During the first round, the union who obtains the least number of votes would be eliminated and a further ballot is held between the remaining two unions. Then, whoever obtains majority of votes wins (simple majority). Two unions can always agree to join before the ballot actually takes place and take part as one.".*

---

[6] Esebita a fol. 107 bħala Dok JBA-1

[7] Enfażi ta' din il-Qorti.

Illi kif tissottometti l-UĦM dan il-ftehim milħuq kien ukoll mnebbaħ mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali Nru 2385 tas-7 ta' Mejju, 2015. Permezz ta' dik id-deċiżjoni, f'tilwima bejn il-partijiet f'din il-kawża, it-Tribunal iddeċieda li l-kwistjoni ta' liema union għandu jkollha għarfien kellha tinqata' permezz ta' ballottaġġ sigriet mill-membri taż-żewġ unions.[8] Dan il-qbil ġie tradott u applikat fil-proċess tal-verfika magħmula fis-sena 2015 u fis-sena 2016.

Illi fid-depożizzjoni tiegħu, **Josef Bugeja** s-Segretarju Ġenerali tal-GWU rrefera għas-sezzjoni tal-inġiniera fi ħdan il-kumpannija intimata. Hemmhekk kienet saret verifika u skont email ta' Anthony Azzopardi mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali tad-19 ta' Mejju, 2014, l-ebda union ma kisbet 50%+1 tal-ħaddiema kollha impjegati fl-*engineering section*. Għalhekk il-GWU ma ngħatatx ir-rikonoxximent sakemm sussegwentement kisbet il-maġġoranza tal-ħaddiema.

Waqt id-depożizzjoni tiegħu x-xhud Josef Bugeja l-ewwel qal li kien hemm ballottaġġ fi ħdan l-*engineering section*, iżda iktar tard xehed li ma kienx ċert sarx ballottaġġ jew le. Fil-fatt b'verbal waqt l-udjenza tas-16 ta' Mejju, 2016 il-partijiet qablu li fir-rigward tal-*engineering section* fi ħdan il-Malta Freeport Terminals Limited fl-2014 kien sar proċess ta' verika, mhux ta' ballottaġġ. Sa dak iż-żmien ma kienx joħroġ riżultat numeriku. Dan inbidel wara d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tas-7 ta' Mejju, 2015, meta beda joħroġ ir-riżultat

[8] Deċizjoni esebita a fol. 88, Dok. UĦM-1

numeriku. Dawn il-fatti x-xhud Josef Bugeja jadduċihom bħala prova tal-prassi industrijali dwar rikonoxximent ta' union.

Illi jidher iżda li jekk tabilħaqq kien hemm din il-prassi, din inbidlet wara l-imsemmija deċiżjoni tat-Tribunal u partikolarment wara l-laqgħa tat-23 ta' Ġunju, 2015 li fiha kien hemm parteċipazzjoni wiesgħa tal-i*stakeholders* fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali. Kien proprju fid-dawl ta' dan it-tibdil fil-prattika tar-relazzjonijiet industrijali li l-unions kontendenti f'din il-kawża flimkien ma' unions oħrajn adottaw pożizzjoni komuni u qablu fuq sistema mhux biss tal-ballottaġġ iżda wkoll tal-pubblikazzjoni numerika tar-riżultat, element importanti meħtieġ għall-fini li jiġi stabbilit min ikollu l-maġġoranza relattiva.

Illi ċertament huwa konsiljabbli illi fil-kamp tar-relazzjonijiet industrijali, partikolarment għal dak illi jirrigwarda r-rikonoxximent min-naħa ta' min iħaddem, ta' union jew unions għall-finijiet ta' negozjar ta' ftehim kollettiv, illi r-regoli applikabbli għandhom ikunu ċari u trasparenti kemm jista' jkun, sabiex safejn possibbli l-ebda union ma tkun kostretta li tirrikorri għal proċeduri ġudizzjarji biex tingħata raġun għall-finijiet ta' rikonoxximent trejdunjonistiku.

Tabilħaqq ir-regolamentazzjoni f'dan il-kamp saret *piecemeal*, bil-pezzi bukkuni, u għad li llum il-ġurnata jeżistu sett ta' regoli u proċeduri maqbula li għandhom japplikaw meta tinqala' tilwima industrijali dwar rikonoxximent trejdunjonistiku, madankollu xorta waħda dawn għadhom jagħtu lok għal

diverġenzi serji u nuqqas ta' qbil f'dik li hija interpretazzjoni, bħalma wara kollox wieħed jista' jara eżempju lampanti ta' dan f'din il-proċedura.

Illi s-soċjetà intimata MFTL ġustament tilmenta illi l-lottizzazzjoni trejdunjonistika fi ħdan il-Malta Freeport Terminals ċertament jista' jkollha impatt negattiv fuq l-operat tagħha u jekk tibqa' tippersisti s-sitwazzjoni attwali, din tista' twassal għall-paraliżi fir-relazzjonijiet industrijali u dan għad-detriment tal-istess ħaddiema. Madankollu dak li ma tistax taċċetta din il-Qorti huwa illi tliet snin hu nofs mill-iskadenza tal-aħħar ftehim kollettiv kienu aktar minn biżżejjed biex jiġi konkluż ftehim kollettiv ġdid. Dan id-dewmien minnu nnifsu kkontribwixxa biex ikun hemm sitwazzjoni ta' ballottaġġ għal waħda tnejn u ta' *stalemate* fir-relazzjonijiet industrijali fi ħdan il-Malta Freeport Terminals. Regolamentazzjoni aktar stretta f'dan il-kamp trid tisħaq pereżempju illi ġaladarba union tkun kisbet permezz ta' ballottaġġ sigriet ir-rikonoxximent tal-*employer* għal fini ta' negozjar ta' ftehim kollettiv, ir-riżultat ta' dak il-ballottaġġ għandu jibqa' jorbot għal perjodu minimu ta' snin jew sakemm jiġi ffirmat ftehim kollettiv, liema minnhom iseħħ l-ewwel.

Illi sabiex jingħata sens loġiku lir-regolamentazzjoni *piecemeal* li hija applikabbli għall-vertenza bejn il-kontendenti, m'hemmx dubju illi ġaladarba bi qbil bejn il-partijiet fil-ballottaġġ li sar fit-2 u fit-3 ta' Mejju, 2016, kellhom dritt jivvutaw dawk il-ħaddiema biss li kienu membri ta' xi waħda miż-żewġ unions, l-unika maġġoranza rilevanti għal fini ta' rikonoxximent trejdunjonistiku li ħarġet minn dik il-votazzjoni hija dik relattiva għal ħaddiema

li kellhom id-dritt li jivvutaw u li fil-fatt ipparteċipaw f'dik il-votazzjoni. Din l-interpretazzjoni loġika fl-aħħar mill-aħħar issib konfort ukoll fil-pożizzjoni komuni li laħqu bejniethom iż-żewġ unions kontendenti flimkien ma' unions oħrajn, fil-laqgħa tat-23 ta' Ġunju, 2016. Biex jagħmel sens loġiku dak illi qiegħda tikkontendi l-union rikorrenti, fil-ballottaġġ tat-2 u t-3 ta' Mejju, 2016 kellhom jingħataw id-dritt tal-vot il-ħaddiema kollha tal-*general workforce* u mhux biss dawk li kienu membri ta' xi waħda miż-żewġ unions, xi ħaġa li ma setgħetx issir il-għaliex min ma weriex interess li jkun membru ta' xi waħda mill-unions, m'għandu ebda dritt jagħżel liema miż-żewġ unions għandha tirrappreżenta lill-maġġoranza tal-impjegati tal-*general workforce* li huma *unionised*.

Illi fid-dawl ta' dak kollu premess, ma jirriżultax li l-union rikorrenti rnexxielha tipprova *prima facie* li biex ballottaġġ jorbot, jinħtieġ li xi union tikseb il-vot tal-maġġoranza assoluta tal-ħaddiema fil-*general workforce*, kemm dawk li jkunu f'union kif ukoll dawk li ma jkunux. Mill-provi jirriżulta pjuttost il-kuntrarju. Apparti l-prattika industrijali, ir-regoli tad-demokrazija, komunement aċċettati, jiddettaw li fejn m'hemmx maġġoranza assoluta, tirbaħ il-maġġoranza relattiva. Altrimenti jiddaħħal vakum perikoluż. Fl-aħħar nett huwa bil-wisq loġiku biex ma jiġix aċċettat li ġaladarba fil-ballottaġġ ipparteċipaw biss il-membri tal-unions, għandha tkun il-maġġoranza tal-ħaddiema membri ta' xi waħda miż-żewġ unions li jiddeterminaw il-ballottaġġ, mingħajr ma jkun hemm għalfejn li dawn ikunu wkoll il-maġġoranza tal-ħaddiema impjegati, billi dawk li jagħżlu li ma jidħlu fl-ebda union ikunu

qegħdin juru d-diżinteress tagħhom dwar liema union għandha tirrappreżentahom.

Ġaladarba ma jirriżultax ir-rekwiżit tal-*prima facie*, m'hemmx għalfejn li l-Qorti teżamina jekk jikkonkorrux iż-żewġ elementi l-oħrajn meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

**Decide**

**Għar-raġunijiet suesposti, din il-Qorti qiegħda: (i) tiċħad ir-rikors tar-rikorrenti, u (ii) tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-6 ta' Mejju, 2016 safejn hija kienet laqgħet it-talba tal-union rikorrenti provviżorjament.**

**Bl-ispejjeż a kariku tal-union rikorrenti**.

Mogħti kameralment